**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 14 ta' Marzu, 2018

Rikors Nru : 90/17AL

**AB**

**vs**

**CBD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie guramentat mir-rikorrent, li permezz tieghu ppremeta :

Illi huwa zzewweg lil CBDfl-ewwel (1) ta' Mejju tas-sena elf disa` mija tnejn u disghin (1992), certifikat taz-zwieg anness u markat bhala Dok. A.

Illi minn dan iz-zwieg, fis-sittax (16) ta' Ottubru tas-sena elf disa` mija erba` u disghin (1994) twieldet bint il-partijiet NB.
Illi minkejja li l-kuntratt ta' separazzjoni gie ffirmat fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbatax (2014), ghaddew aktar minn erba` (4) snin mid-data li fiha l-partijiet ilhom jghixu hajja separata

minn xuxlin, u ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom.

Illi l-esponenti jiddikjara li m'hemm l-ebda arretrati ta' manteniment li hu dovut.

Illi ghalhekk jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

Tiddikjara li z-zwieg tieghu mal-intimata CBD bhala mahlul, u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;

Tordna ghaldaqstant lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku skont il-ligi, u dan kollu taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din l-Qorti;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-23 ta' Marzu 2017;

Semghet lil Dr Nicole Schembri tiddikjara illi l-intimata m'ghandhiex oggezzjoni ghad-divorzju;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-26 ta' Mejju 2014 u ghaddew aktar minn erba' (4) snin li l-partijiet ilhom jghixu hajja separata minn xulxin;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.